# Guidelines

## Linji gwida dwar l-applikazzjoni ta' C6 u C7 tal-Anness 1 tal-MiFID

20/10/2015 | ESMA/2015/1341 MT

**Applikazzjoni ta' C6 tal-Anness 1 tal-MiFID I**

1. L-ESMA tikkunsidra li d-definizzjoni C6 tal-Anness 1 tal-MiFID tapplika bil-mod li ġej:

    a. C6 għandha applikazzjoni wiesgħa, li tapplika għal kuntratti derivattivi ta' komoditajiet, inklużi kuntratti forward, li tipprovdi li:

        i. jistgħu jew iridu jiġu saldati fiżikament; u

        ii. jiġu nnegozjati f'suq regolat u/jew f'MTF.

    b. "*Saldati fiżikament*" tinkorpora firxa wiesgħa ta' metodi ta' kunsinna u tinkludi:

        i. kunsinna fiżika tal-komoditajiet rilevanti stess;

        ii. kunsinna ta' dokument li jagħti drittijiet ta' sjieda għall-komoditajiet rilevanti jew il-kwantità rilevanti tal-komoditajiet ikkonċernati (bħal polza ta' kargu jew ċertifikat ta' maħżen); jew

        iii. metodu ieħor biex isir it-trasferiment tad-drittijiet ta' sjieda fir-rigward tal-kwantità rilevanti ta' komoditajiet mingħajr ma jiġu fiżikament ikkunsinjati (inkluż in-notifika, l-iskedar jew in-nomina ta' operatur ta' netwerk ta' provvista tal-enerġija) li jagħti dritt lir-riċevitur għall-kwantità rilevanti tal-komoditajiet.

**Applikazzjoni ta' C7 tal-Anness 1 tal-MiFID I**

2. L-ESMA tikkunsidra li d-definizzjoni C7 tal-Anness 1 tapplika bil-mod li ġej:

    a. C7 tifforma kategorija li hija distinta minn C6 u tapplika għall-kuntratti tad-derivattivi tal-komoditajiet li jistgħu jiġu saldati li mhumiex innegozjati f'suq regolat jew MTF li tipprovdi li l-kuntratt tad-derivattivi tal-komoditajiet:

        i. mhuwiex kuntratt spot kif definit skont l-Artikolu 38(2) tar-Regolament 1287/2006/KE;

        ii. mhuwiex għall-finijiet kummerċjali deskritti skont l-Artikolu 38(4) tar-Regolament 1287/2006/KE; u

        iii. jissodisfa wieħed mit-tliet kriterji skont l-Artikolu 38(1)(a) u anki l-kriterju separat skont l-Artikolu 38(1)(b) u 38(1)(c) tar-Regolament 1287/2006/KE.

    b. "*Saldati fiżikament*" tinkorpora firxa wiesgħa ta' metodi ta' kunsinna u tinkludi:

        i. kunsinna fiżika tal-komoditajiet rilevanti stess;

ii. kunsinna ta' dokument li jagħti drittijiet ta' sjieda għall-komoditajiet rilevanti jew il-kwantità rilevanti tal-komoditajiet ikkonċernati (bħal polza ta' kargu jew ċertifikat ta' maħżen); jew,

iii. metodu ieħor biex isir it-trasferiment tad-drittijiet ta' sjieda fir-rigward tal-kwantità rilevanti ta' komoditajiet mingħajr ma jiġu fiżikament ikkunsinjati (inkluż in-notifika, l-iskedar jew in-nomina ta' operatur ta' netwerk ta' provvista tal-enerġija) li jagħti dritt lir-riċevitur għall-kwantità rilevanti tal-komoditajiet.

3. Id-derivattivi ta' komoditajiet saldati fiżikament li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' C6, jiġifieri mhumiex innegozjati f'Suq Regolat jew MTF, jistgħu jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' C7 u d-definizzjonijiet ta' C6 u C7 jiffurmaw żewġ kategoriji distinti peress li C7 tapplika għad-derivattivi tal-komoditajiet "*li jistgħu jiġu saldati fiżikament sakemm ma jingħadx mod ieħor f'C6".*

4. Il-karatteristiċi l-oħrajn ta' derivattivi ta' komoditajiet skont C7 - "*li ma jkunux għal finijiet kummerċjali, li għandhom il-karatteristiċi ta' strumenti finanzjarji derivati oħrajn, filwaqt li fost l-oħrajn jitqies jekk humiex approvati u saldati permezz ta' kmamar tal-ikklirjar rikonoxxuti jew humiex soġġett għal appelli għall-marġni regolari*" - huma definiti aktar skont l-Artikolu 38 tar-Regolament 1287/2006/KE.

5. L-ESMA tinnota li l-kundizzjonijiet iddefiniti fl-Artikolu 38 tar-Regolament 1287/2006/KE, għandhom jiġu applikati b'mod kumulattiv.